Decizzjoni Numru 1721

Kaz Numru 2274/MF

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

Bejn

Ryan Fiorentino

U

Bank of Valletta plc

Dwar Allegazzjoni ta' trattament diskriminatorju

Illum 2 ta' Ottubru 2006

Chairman: Dr. Martin Fenech LL.D. Dip. Adv. Eur. Stud. (Bruges)

Dan il-kaz gie riferit lit-Tribunal Industrijali wara dikjarazzjoni tal-kaz li gie ipprezentat quddiem it-Tribunal Industrijali datat 29 ta' April 2005 minn Ryan Fiorentino fejn talab illi dan il-kaz jinstema' quddiem it-Tribunal Industrijali u jiddeciedi dwar trattatament diskriminatorju.

Ryan Fiorentino maghruf bhala l-appellant kien assistit minn Dr. Aron Mifsud Bonnici fil-kapacita tieghu bhala avukat tal-General Workers Union u ghall-Bank of Valletta plc deher Charles Grech Soler assistit mill-Avukat Dr. Clarence Busuttil.

**Dikjarazzjonijiet tal-Kaz**

Fl-istqarrija tal-kaz l-appellant ddikjara li huwa jahdem mas-socjeta intimata u sa recentement kien assenjat dmirijiet bhala IT Support Officer. Xogholu kien ikklasifikat bhala C3 u kellu hlasijiet u beneficcji stabbiliti ghall-istess grad. F'xi hin l-appellant inghata xoghol differenti minn dak li kien qieghed jaghmel. Ftit wara il-grad li kellu li kien C3 fid-dipartiment tal-IT dan il-grad gie ikklasifikat C4 b'aktar beneficcji u xogholu gie moghti lill-persuna differenti. L-appellant qieghed jghid

ghalhekk li l-posizzjoni tieghu giet pregudikata u qieghed jitlob illi l-grad li kellu jigi kklasifikat bhala C4 u jinghata kumpens xieraq

Is-socjeta fl-istqarrija taghha qalet li l-Bank of Valletta ghandha dritt bhala employer li titrasferixxi membri tal-istaff taghha u li ma saret ebda diskriminazzjoni fil-konfront tal-Appellant.

Qabel ma jibda jiddilebera l-kaz it-Tribunal qieghed jassumi illi dan il-kas huwa kas ta' trattamanet diskriminatorju, ghalhemm mhuwiex qieghed jigi spjegat hekk fl-isqarrija tal-appellant peress dak li intalab jidhru li huma r-rimedji.

## PROVI

Quddiem it-Tribunal Industrijali gew imressqa diversi provi u l-ewwel xhud kien Karmenu Vella li huwa s-Segretarju tat-Taqsima Servizzi u Medja tal-General Workers Union fejn qal illi l-appellant kien fis-sezzjoni tal-IT Services mal-Bank of Valletta plc u gie trasferit ghat-Trade Finance Centre tal-BOV fejn ma kellux xoghol relatat mal-IT. Ir-rwol tieghu kien ikklasifikat bhala C 3. Dak iz-zmien tat-transfer ix-xoghol li kien jaghmel l-appellant gie ikklasifikat C 4. Pero ghal dan il-post gdid ta' C 4 kien hemm sejha u minkejja li ghamel l-interview ma giex maghzul. Gie imsemmi lli l-appellant kien qieghed jigi sponserjat mill-bank fuq l-IT. Il-Union ipprotestat bil-miktub mal-bank. Ix-xhud jghid ukoll illi il-grad li fih qieghed l-Appellant ma ghandhomx rapprezentanza bhala Union.

Xehed Ryan Denaro li huwa Chief Officer responsabbli ghall-IT u multi Channel Banking mal-Bank of Valletta. Xehed illi qabel ma kien jokkupa kariga kellu jghadii minn process ta' interview u fil-fatt l-appellant applika ma kandidati ohrajn li kienu jahdmu mal-bank u l-interview wassal li ma intaghzilx. Jirrizulta ukoll illi l-appellant gie trasferit qabel ma saret l-interview. Ix-xhud kien ic-Chairman tal-Bord tal-ghazla ghall-post u cahad illi l-fatt li l-appellant kien gie trasferit kellu xi detriment fuq id-decizzjoni tal-Bord ghax il-Bord tal-ghazla iddecieda fuq esperjenza, u knowledge li kellu dak il-hin kif ukoll qal illi jekk il-kandidat ghandu xi lawrja fuq l-IT setghet tkun ta' ghajnuna ghalih. Min intaghzel kien wiehed li kien ilu fl-IT Department ghal xi zmien u l-iehor li ma kienx fl-IT pero kellu sound knowledge tax-

xoghol li kien mehtieg. L-appellant ma giex maghzul ghax il-performance tieghu ghar-rwol ma kinetx addattata. Ix-xhud xehed illi ir-rwol gie evalwat ta' C 4 u ghalhekk il-bank fetah il-posizzjoni ta' IT support officer ghal kullhadd.

Xehed Ryan Fiorentino fejn qal li prezentement qieghed jaghmel xoghol ta' Payment Auditors Officer gewwa l-Branch ta' Santa Venera Trade Finance. Hu huwa kkasifikat bhala C 3. Xehed li qieghed jaghmel kors tal-Informatika. Ircieva transfer fejn gie infurmat illi kellu jiccaqlaq f'dipartiment li ma kiex qiegehd juza dak li tghallem. Wara li ghamel interview ghal IT Department hass li il-posizzjoni tieghu giet pregudikata ghax qatt ma setghu jaghzluh ghax gja kien hemm. L-appellant jikkonferma illi meta gie trasferit mar go post ta' C3 u ir-rwol tieghu fl-IT Department qabel ma gie rasferit kien ghadu C 3 pero fil-process li jsir C 4.

Xehd Noel Scerri li huwa l-Human Resoueces Manager fejn qal illi minn zmien ghal zmien u minhabba in-needs tal-business impjegat ikollu jidhol f'areas ohra tal-bank u fil-fatt l-Appellant ccaqlaq ma nies ohra. Di piu mhuwiex il-policy tal-bank li jekk xi impjegat jistudja f'materja jibqa jahdem f'dak is-settur. Bhala liema kriterji il-bank jiehu meta jkun hemm promotion il-Bank jara l-esperjenza, l-kwlaifiki, l-aptitude u affarijiet li huma normali. Ix-xhud ikompli jghid illi il-Bank ghamel job descriptions u ggradwa dawn il-jobs u ghal dawn il-jobs il-bank fetah l-applikazzjonijiet fosthom tal-appellant. Ix-xhud jghid ukoll illi l-appellant gie trasferit ghax ix-xoghol tieghu ma kienx up to standard.

Xehed Ivo Camilleri li huwa l-Head tal-IT Services fejn qal li kellu ordni sabiex isib lill-xi hadd biex jigu trasferiti ghax kien hemm bzonn f'aktar postijiet u l-appellant gie identifikat bhala persuna li kellu jigi trasferit peress li kien ser ikollu inqas impatt fuq il-kumplament tad-dipartiment ta' fejn kien u fis-section tieghu gew trasferiti xi sitta. Ix-xhud semma persuna li giet trasferita u ma gietx kkonfermata fir-rwol precedenti taghha. Ix-xhud xehed illi l-appellant gie replaced pero wara li saru l-interviews. L-appellant gie trasferit fil-21 ta' Settembru 2004 u l-interview sar fis-6 ta' Ottubru 2004. Ix-xhud kien ukoll jaghmel parti fis-Selection Board u gie mehud in konsiderazzjoni kemm il-kwlaifiki tieghu kif ukoll l-esperjenza tax-xoghol tieghu u l-appellant ma giex maghzul ghax kien hemm applikanti ohrajn li

setghu jimlew dak ir-rwol b'mod ahjar mill-appellant u l-persunali li ha x-xoghol tal-appellant x-xhud ighid li kellu aktar motivazzjoni u ghandu kwalita tax-xoghol ahjar. Kien hemm persuni ohrajn li fl-opinjoni tieghu setghu jiffiljaw dik ir-rwol b'mod ahjar u dan minkejja li ma kinux gejjien minn IT background. Li kien qieghed ifittex ix-xhud qal li persuna kapaci tahdem f'team. Il-problema li kellu l-appellant jghid ix-xuhd illi l-appellant ma kienx kapaci jiffoka bizzejjed biex jista jkun effettiv within that team u within that role. Dan ma jfissirx ikompli jghid ix-xhud li l-appellnt ma kienx tajjeb f'xi rwol iehor. Bhala fatt l-appellant fl-appraisel tieghu gie li kellu marka ta' 305 Dan ifisser illi jekk ikun inqas minn 300 il-livell tieghu mhux accettabbi u l-massimu huwa 500. L-appellant kien border line u kien l-inqas fit-team. Bhala fatt ukoll kull fejn l-appellant kien imur gol-branches wara li jitlaq kien ikun hemm diversi ilmenti fuq ix-xoghol tieghu li x-xoghol ma sarx kif mixtieq u ma kienx ta' kwalita mistenni. Ghalkemm l-appellant mar il-quddiem l-ilmenti baqghu dehlien.

**KUNSIDERAZZJONIJIET**

It-Tribunal ikkonsidera diversi aspetti ta' dan il-kaz u evalwa d-dokuemti estenzivi li gew prodotti u x-xhieda kollha li xehdu fil-kas.

It-Tribunal ra ukoll is-sottomissjonijiet tal-partijiet.

Illi t-Tribunal jibda biex jghid illi fid-dikjarazzjoni tal-appelant ma tissemiex il-kelma diskriminazzjoni u r-rimedji li intalbu huma konsegwenza ta' diskriminazzjoni pero f'dan il-kaz it-Tribunal xorta ser jiddeciedi fuq l-aspett tad-diskrimiazzjoni billi din kienet it-tema li sar l-accenn tieghu waqt l-ismiegh tal-kawza.

It-Tribunal ghalhekk irid jiddeciedi jekk l-appellant gie diskriminat meta giet moghti transfer.Kellu jaghmel interview ghall-istess job li kellu u l-istess job gie upgraded minn C 3 ghal C 4.

Illi mill-fatti li gew prodotti jidher illi d-dirigenti tas-sezzjoni tal-IT ma kinex kuntenti bil-performance tal-appellant. Dan xehdu minghajr tlaqlieq ix-xhud Ivo Camilleri li huwa l-Head tal-IT Services. Ripetutament jidher li kellu problemi bl-appellant minhabba certi ilmenti li kien qieghed jircievi u li x-xoghol ma kienx ta' livell mixtieq.

Ghalkemm quddiem it-tribunal ma ingabux xhieda ta' dawn in-nuqqassijiet u ilmenti f'dan il-kas it-Tribunal qieghed jemmen dawn ix-xhieda. Ghalhekk meta dawn id-dirigenti kienu rinfacciati minn sejha ghal transfers ta' xi impjegati fid-divizzjoni taghhom huma ghazlu lill-appellanti sabiex jigi imcaqlaq u fil-fatt hekk gara.

Dan it-Tribunal jara ftit stamba illi ftit wara li gie trasferit hargu applikazzjoni ghall-post tal-appellanti fil-grad il-gdid. Donnu il-Bank kien qieghed jistenna dan it-transfer halli johorgu s-sejha ghall-applikazzjonijiet ghal-post tal- appellant.

L-appellant ipprova juri dan it-Tribunal illi l-istess kap tal-IT kien fuq il-Bord tal-ghazla u kien l-istess persuna li rrakomdat it-transfer. Ghalhekk wiehed jista jara stramba jew li hemm konflitt ta' interess pero it-Tribunal ma jhoss hekk.

It-Tribunal ihoss illi l-appellant kellu diversi mankanzi fir-rwol tieghu fil-bank gewwa d-divizzjoni tal-IT u l-bank tah transfer f'dan is-sens kemm minhabba l-fatt li kien hemm bzonnijiet fid-dipartimenti ohrajn, haga li tista titloba fl-opinjoni tal-Tribunal kulljum, ghax dejjem ikun hemm xi bzonn x'imkien jew iehor, kemm minhabba n-nuqqassijiet tieghu.

Dan fl-opinjoni tat-Tribinal ma jwwasalx ghal tarattament diskriminatorju. It-Tribunal ihoss illi l-bank kellu ragunijet sufficjenti li jaghti transfer f'dan il-kas.

It-Tribunal ihoss ukoll illi l-appellant inghata cans bhal kandidati ohrajn li japplika ghal post tieghu u ma giex maghzel u dan mhuwiex trattament diskrimatorju.

It-Tribunal jista jifhem li l-appelant ihoss li setgha kien ippregudikat ghax kien inghata transfer ftit ijiem qabel ma sar l-interview pero ma giex maghzul mhux ghall-fatt tat-transfer imma ma giex maghzul ghax n-nies tal-interview bord li kienu jafuh fid-divizzjoini tal-IT kellhom informazzjoni fuqu u li skond huma ma kienx tajjeb f'dik is-sezzjoni. Wara kollox dan kien interview intern.

It-Tribunal ihoss pero li l-appellant ma giet trattat b'mod diskriminatorju.

**Decizzjoni**

It-Tribunal Industrjali wara li kkunsidera l-istatements, dokumenti u s-sottomissjonijiet tal-partijiet ikkoncernati ra u ezamina d-dokumenti ezebiti, sema' u evalwa l-fatti u c-cirkostanzi kollha tal-kaz jiddikjara li l-kumpanija Bank of Valletta plc ma mexiex b'mod diskriminatorju fil-konfront tal-appellant Ryan Fiorentino.

Ghaldaqstant it-Tribinal Industrijali jiddeciedi billi jichad dan l-appell bl-ispejjes jigu sopportati ugwalment bejn il-partijiet.

Ghall-finijiet ta' L-Avviz Legali 48 tal-1986 jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' erbghin Lira Maltin (LM40).

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

Dr. Martin Fenech
Chairman

Vera Kopja

Vincent Micallef
Segretarju